MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 207/1997/1

A.F. Ellis Ltd. u
A.F. Ellis (Trading) Ltd .

vs

Loreto Bugeja .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha s-soċjetajiet atturi, wara li ppremettew :

Illi l-konvenut ordna u xtara mingħand is-soċjeta' attriċi A.F. Ellis Ltd li biegħet u kkunsinjat lill-konvenut xogħol ta' rħam u granit u kunsinna ta' ċeramika u kina kif jidher dettaljatament fl-annessi fatturi mmarkati Dok. A, B, C, E, F, G, I, J u K .

Illi l-konvenut irritorna xi xogħlijiet kif jirriżulta mill-annessi noti ta' kreditu hawn annessi u mmarkati Dok. D u H .

Illi l-konvenut effetwa żewġ pagamenti ta' ħames mitt lira fit-30 ta' Diċembru 1988 u ta' seba' mitt lira (Lm 700) fit-23 ta' Diċembru 1991 .

Illi għalhekk il-bilanċ riżultanti favur is-soċjeta' attriċi huwa ta' tlett elef mitejn u għoxrin lira u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm 3220.28c) kif jirriżulta mir-reżokont dettaljat hawn anness u mmarkat Dok. L .

Illi s-soċjeta' attriċi assenjat l-ammont dovut skond il-fatturi kollha ġia msemmija ħlief għal dawk annessi b'Dok. J u K lis-soċjeta' assoċjata "A.F. Ellis (Trading) Ltd" li għalhekk illum hija l-kreditriċi tal-konvenut .

Illi l-konvenut wiegħed kemm-il darba li se jħallas dan l-ammont riżultanti meta jkun f'pożizzjoni finanzjarja li jagħmel hekk ;

Illi l-konvenut issa qed jagħmel pretensjonijiet li hu qatt ma ssostanzja bħala pretest biex ma jħallasx minkejja li ġie interpellat diversi drabi sabiex jissostanzja tali pretensjonijiet tiegħu u fin-nuqqas, iħallas l-ammonti hekk riżultanti dovut lis-soċjetajiet attriċi ;

Illi l-ammont fuq imsemmi ta' LM3220.28 huwa ċert, likwidu u dovut u l-istanti nomine ħalef dan b'affidavit hawn anness u mmarkat Dok. "M" kif ukoll li fil-fehma tiegħu l-konvenut ma ghandu l-ebda eċċezzjoni xi jressaq kontra t-talbiet tas-soċjetajiet attriċi ;

Illi l-konvenut ġie interpellat inutilment bosta drabi biex iħallas l-imsemmi ammont dovut .

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandiex din il-Qorti :

1. Tipproċedi għas-sentenza mingħajr is-smiegħ tal-kawża u dana skond l-Artikolu 167 – 170 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) .

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjetajiet attriċi is-somma ta' Lm3,220.28 rappreżentanti

bilanċ ta' xogħol ta' rħam u granit, ċeramika u kina debitament ikkunsinnati mis-soċjetajiet attriċi lill-konvenut .
Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-10 ta' Marzu 1997 u tal-mandat ta' sekwestru tat-18 ta' Lulju, 1997 kif ukoll tal-ittra interpellatorja tal-20 ta' Awissu 1997 .
Bl-imgħax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-ħlas effettiv u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa mħarrek .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess soċjetajiet atturi, konfermata bil-ġurament ta' Tonio Ellis .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok, u in linea preliminari, l-esponenti ma għandu u qatt ma kellu ebda relazzjoni ġuridika ma' A.F. Ellis (Trading) Limited u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront ta' din is-soċjeta' attriċi ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti ma għandu jagħti xejn lis-soċjetajiet attriċi għaliex kwalunkwe ammont illi kien talvolta dovut minnu kien ġie saldat żmien ilu; u fit-tieni lok għaliex it-talbiet attriċi huma llum kolpiti bil-preskrizzjoni estintiva ta' tmintax-il xahar ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16; ta' sentejn ai termini tal-artikolu 2149(a) tal-istess Kodiċi; u ta' ħames snin ai termini tal-artikolu 2156 tal-istess Kodiċi ;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat il-verbal tagħha tas-17 ta' Gunju 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti u affidavits esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjetajiet atturi qed ifittxu li jitħallsu l-bilanċ allegatament dovut għal xogħol ta' irħam, granit u ċeramika mibjugħ u kkonsenjat lill-konvenut f'diversi okkażjonijiet . Għal din it-talba l-konvenut ressaq diversi eċċezzjonijiet . In linea preliminari qed jgħid illi qatt ma kellu ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi "A.F. Ellis (Trading) Ltd." u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tagħha . Mid-depożizzjoni ta' Salvu Ellis, wieħed mid-diretturi tas-soċjeta' "A.F. Ellis Limited",[1] jirriżulta illi minħabba re-organizazzjoni fil-kumpanija, x-xogħol tagħha inqasam, sabiex ġiet iffurmata kumpanija oħra, li ġiet assenjata x-xogħol tal-madum u ċ-ċeramika, filwaqt illi hija żammet ix-xogħol ta' l-irħam . Lil din il-kumpanija l-ġdida ġew wkoll assenjati l-krediti li kellha l-kumpanija l-oħra fir-rigward tax-xogħol kollu li kellu x'jaqsam mal-madum u ċeramika, u kien għalhekk illi din il-kumpanija l-ġdida hija ko-attriċi f'din il-kawża . In vista ta' dan, u peress illi l-konvenut ma jidher illi sofra ebda preġudizzju b'tali assenjazzjoni, l-eċċezzjoni tiegħu f'dan ir-rigward ma tistax tkun ġustifikata . Fil-mertu mbagħad il-konvenut resssaq żewġ eċċezzjonijiet :

(i) kwalunkwe ammont li kien dovut ġie saldat u hu m'għandu jagħti xejn lis-soċjeta' attriċi ; u

(ii) l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148 (b), 2149(a) u 2156 tal-Kap. 16 .

Ġialadarba ngħatat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, din trid tiġi kunsidrata l-ewwel, għax jekk tintlaqa', jkun inutili li tiġi ttrattata l-eċċezzjoni l-oħra . Il-pagamenti pretiżi jirrisalu għal materjal kkunsinjat bejn is-snin 1988 u 1992[2] u għalhekk jidher *prima facie* illi, ġialadarba l-kawża saret

[1] Ara affidavit tieghu a fol. 26 - 27 tal-process .
[2] ara dokti. A sa L a fol. 5 - 17 .

biss fl-1997, bl-unika interpellazzjoni uffiċċjali għall-ħlas issir fl-istess sena, dawn għandhom jaqgħu preskritti . Imma kif rajna, l-konvenut ma llimitax ruħu li jeċċepixxi l-preskrizzjoni, u permezz ta' eċċezzjoni oħra jikkontendi illi l-ammont mitlub kien ġie saldat. Issa kif ġie stabilit mill-Qrati tagħna, eċċezzjoni li l-ammont mitlub ġie saldat ma hix inkonsistenti ma' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni[3] . Imma, għalkemm bħala regola dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet imorru ma' xulxin, fil-każ tagħna l-konvenut aktar mill-pagament, qiegħed jikkontendi illi għandha tapplika t-tpaċija, bejn dak illi għandu jagħti u dak li għandha tagħtih is-soċjeta' A.F. Ellis Ltd. għal konsenja ta' ġebel tal-qawwi mibjugħ u konsenjat lilha fl-istess epoka . Tant hu hekk illi minkejja din l-eċċezzjoni formali tiegħu li l-ammont mitlub ġie saldat, il-konvenut ibbaża d-difiża tiegħu sa mill-bidu nett tal-kawża fuq din il-kwistjoni tat-tpaċija . Għal xejn ipprova jargumenta fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu illi hu qatt ma qajjem l-eċċezzjoni tat-tpaċija, u li hu ried iffisser biss li l-pagament kien ġie saldat "*permezz ta' rendiment ta' servizz*".[4] Li tissalda dejn neċessarjament ifisser illi tagħmel pagament ta' l-ammont dovut . Fil-każ tagħna jirriżulta illi l-konvenut tassew issalda parti mill-kreditu dovut b'żewġ pagamenti li għamel akkont fit-30 ta' Diċembru 1988 u fit-23 ta' Diċembru 1991, u dawn l-ammonti jidhru li tnaqqsu mis-somma mitluba .[5] Imma l-konvenut fl-ebda ħin ma jgħid illi l-bilanċ ħallsu bi flus, imma biss li m'għandu jagħti xejn, għax l-atturi għandhom jagħtuh iktar minn hekk . Dan ma jista' jfisser xejn għajr illi jippretendi illi għandha tapplika l-kompensazzjoni . U kif ġie ribadit mill-qrati tagħna kemm il-darba :

"*L-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni jekk tingħata wara li jkun għadda ż-żmien tal-preskrizzjoni, tikkostitwixxi rinunzja taċita għall-istess preskrizzjoni . Il-preskrizzjoni hija inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni . Xejn ma jiswa li l-kompensazzjoni tiġi opposta in subordine u bla preġudizzju tal-preskrizzjoni għax bil-fatt*

---

[3] Appell Inferjuri : Av.Dr. A. Caruana vs A. Spiteri : 7.01.1939 ; kollez. vol. XXX. i.964 .
[4] ara Nota ta' l-Osservazzonijiet tal-konvenut a fol. 46 .
[5] ara Dok . L a fol. 17 .

*tiegħu stess, il-konvenut li jeċċepixxi l-kompensazzjoni jiġi li rrinunzja għall-preskrizzjoni li hu ma jistax isalva b'sempliċi riserva . (Vol. XXXII. i. 639; XXXIV .i. 326 ; XXX. i. 964 u XLIV. ii. 519 fost ohrajn."* [6]

Hekk ukoll ingħad fid-dottrina illi : "*La compensazione e' una specie di pagamento e non si paga un debito quando lo si vuoi lasciare prescrivere."* [7]

Billi għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tirnexxi, trid issa tiġi kkunsidrata l-eċċezzjoni l-oħra . Il-konvenut jikkontendi illi s-soċjeta' attriċi ġiet imħallsa u ma għandu jagħti xejn . Proprjament kif ġia ġie spegat, il-konvenut jippretendi li għandu jieħu iktar milli għandu jaghħti u għalhekk huwa l-każ illi trid tapplika t-tpaċija . Il-liġi tagħna tgħid illi t-tpaċija ssir meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin u d-dejn ikun ċert, likwidu u dovut[8] . Fuq prinċipji simili fil-liġi taljana l-**Giorgi** jgħallem illi : ***"La compensazione legale e' quella che si fa di diritto in virtu' della legge, ed anche all'insaputa dei debitiori al momento della contemporanea esistenza dei debiti, che reciprocamente si estinguono pe la quantita' corrispondente."***[9]

Fil-każ in eżami l-konvenut jikkontendi illi din it-tpaċija għanda ssir billi l-atturi huma debiti lejh għal diversi konsenji ta' ġebel tal-qawwi magħruf bħala "***irħam t'Għawdex***" li dawn ħadu mill-barriera operata minnu bejn is-sena 1989 u l-1993 [10] u xi servizzi oħra resi minnu . Madankollu l-unika prova dokumentata, jekk tista' tissejjaħ hekk, tal-pretensjonijiet tiegħu, hija *carbon copy* ta' fattura li l-konvenut isostni illi ġiet meħuda minn *invoice book* li huwa kien iżomm in konnesjoni ma' dan in-negozju[11] . Apparti l-fatt illi dan id-dokument xejn m'hu leġibbli, u

[6] Appell Superjuri : Guido J. Vella A.& C.E. vs Dr. E. G. Cefai LL.D. : 5.01.2001 .
[7] Troplong : Prescrizione, para.66 u 618(8) .
[8] Ara art.1196 u 1197 Kap. 16 .
[9] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano, Firenze 1911 vol. VIII. para. 5
[10] ara Dok. LB 1 a fol. 96 – 97 .
[11] ara Dok. LB 2 a fol. 100 ; ara wkoll id-depożizzjoni tal-konvenut tal-20 .6.2003 a fol. 84 -94

għalhekk ma tantx tista' titqies bħala prova tajba ta' dak li qed isostni l-konvenut, jekk tassew jirreferi għal xi xogħol meħud mid-ditta A.F. Ellis fis-sena 1994, kif donnu qed isostni l-konvenut, din il-verzjoni ma tantx hija kompatibbli ma' dak li kien qed isostni huwa stess ftit qabel meta qal illi huwa għamel l-ordnijiet mingħand l-atturi bil-ħsieb li jaqta' mill-kontijiet illi dawn kellhom pendenti miegħu . Terga', din il-pretensjoni dejjem ġiet kontestata mill-atturi li sostnew illi qatt ma rċevew ebda kont mingħand il-konvenut f'dan ir-rigward . F'tali ċirkostanzi, fejn ma jistax jingħad illi jeżitu żewġ kontijiet bejn l-istess partjiet li huma ċerti, likwidi u dovuti, ma tistax isseħħ il-kompensazzjoni .

Minn naħa l-oħra l-Qorti hija sodisfatta mill-veraċita' ta' dak li juru l-kontijiet esebiti mill-atturi fir-rigward tal-materjal mibjugħ u kkonsenjat lill-konvenut . Lanqas il-konvenut ma ċaħad il-korrettezza ta l-istess kontijiet . Jiġi għalhekk illi huwa ppruvat, fil-grad meħtieġ mill-liġi, illi l-istess konvenut huwa debitur lejn is-soċjetajiet attriċi fis-somma indikata fiċ-ċitazzjoni u ċioe' dik ta' Lm3220.28 .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetajiet attriċi s-somma ta' tliet elef mitejn u għoxrin lira maltija u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm3220.28) rappreżentanti bilanċ ta' xogħol ta' rħam, granit ċeramika u kina debitament ikkonsenjati lilu .

Billi dan huwa dejn kummerċjali, l-imgħaxijiet jiddekorru mid-dati tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tal-10 ta' Marzu 1997 u tal-Mandat ta' Sekwestru tat-18 ta' Lulju 1997, kif ukoll tal-ittra nterpellatorja tal-20 ta' Awissu 1997, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------